MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 12/2022 LM

**Patrick Guntrip (K.I. nru. 278475(M))**
*(Ir-ritrattand)*

***vs.***

**Awtorità tal-Ippjanar**
*('ir-ritrattata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni magħmul mill-appellant **Patrick Guntrip (K.I.nru. 278475(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-ritrattand'] wara s-sentenza tal-appell ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, mogħtija fid-19 ta' April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza tal-appell'], li permezz tagħha ddeċidiet billi rrevokat d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-

Ippjanar tal-1 ta' Marzu, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tat-Tribunal' u 'it-Tribunal' rispettivament] fejn dan ħassar id-deċiżjoni tal-**Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità ritrattata'] fir-rigward tal-applikazzjoni PA06604/18, u bagħtet lura l-atti tal-imsemmi Tribunal sabiex dan jikkunsidra mill-ġdid l-appell intavolat mit-terz interessat **il-Kunsill Lokali Marsaskala** [minn issa 'l quddiem 'it-terz interessat KLM'].

**Fatti**

2. Il-fatti ta' dawn il-proċeduri jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Awtorità ritrattata, li permezz tagħha rrifjutat l-applikazzjoni tar-ritrattand nru. PA 4411/09 *'(Proposed Fuel Station which includes back office, shop, two garages, VRT and car services facilities. The proposed development includes the decommissioning of kerb side pump license No. KPRS 70). The proposed amendments include: relocation of restrooms, extension to shop, relocation of office, relocation of canopy, addition of ATM, addition of garages,new car wash and wiping area, relocation of rainwater reservoir, tanks and services, new parking spaces and redesign of foothpaths and landscaped areas'* ġewwa Marsascala. Ir-ritrattand kien appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal li permezz tad-deċiżjoni tiegħu kif diġà ngħad, huwa ħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità ritrattata.

**Mertu**

3. It-terz interessat KLM intavola proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, permezz tal-

preżentata ta' rikors fit-18 ta' Marzu, 2022 fejn talabha sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorità ritrattata skont dawk il-provvedimenti li deherilha huma xierqa u ġusti.

4. Ir-ritrattand wieġeb fit-28 ta' April, 2022 fejn ikkontenda li l-appell kien wieħed null għaliex it-terz interessat KLM ma kienx ipparteċipa fl-appell quddiem it-Tribunal.

5. L-Awtorità ritrattata wieġbet fl-4 ta' Awwissu, 2022, billi ssottomettiet li l-appell kien ġustifikat, u għalhekk kellu jintlaqa' għal dawk ir-raġunijiet li hija tgħaddi sabiex tfisser fit-tweġiba tagħha.

**<u>Is-Sentenza tal-Appell</u>**

6. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, waslet għas-sentenza tal-appell wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dawn il-proċeduri:

> ***"Ikkunsidrat***
>
> *L-aggravji tat-terz interessat bħala appellant huma s-segwenti:*
>
> 1. *Id-deċiżjoni tat-Tribunal tmur kontra l-artikolu 52 tal-Kap. 552. Dan jgħid li fejn hemm aktar minn pjan jew* policy *waħda applikabbli għall-istess suġġett u hemm konflitt materjali bejnhom, il-preċedenza tingħata l-iSPED, il-pjan lokali, eċċetra, fuq* policies *oħra imsemmija fl-artikolu 50 tal-Kap. 552, liema* policy *dwar il-*Fuel Stations *taqa' fiha. Isostni li l-pjan lokali SMAG01 li jipproteġi art agrikola u li jivvjeta żvilupp mhux relatat mal-agrikoltura, u l-pjan lokali SMCO 07 li jipproteġi l-widien li jagħmel referenza għall-*policy *RCO29 tal-pjan ta' struttura jivvjeta kull żvilupp fiżiku f'din iż-*

*żona. L-Awtorità ibbażat id-deċiżjoni ta' rifjut ukoll fuq l-Objettiv Tematiku 1.10 u 4 tal-iSPED u Objettivi Rurali 1, 3, 4 tal-iSPED. It-Tribunal għażel li japplika l-*Fuel Stations Policy *2015. Għalkemm il-paragrafu 11 tal-*Fuel Stations Policy 2015 *jgħid li f'każ ta' konflitt ma'* policies *oħra ta' ippjanar approvati qabel din, tipprevali l-*Fuel Stations Policy, *dan il-paragrafu japplika biss ghal konflitt bejn policies mhux l-iSPED u l-pjan lokali;*

2. *It-Tribunal injora li l-iżvilupp imur kontra l-*Fuel Stations Policy 2015 *u billi l-iżvilupp jikkwalifika bħala* Relocated Fuel Station *japplika l-paragrafu 4 fejn jispeċifika fejn tista' issir rilokazzjoni u din mhix waħda minnhom. Is-siti l-oħra jista' jinħareġ permess jekk il-komunità tibbenefika mir-rilokazzjoni. F'dan il-każ l-applikazzjoni hi għal estensjoni ta' PA444/09 li ma għandhiex tgawdi minn ebda benefiċċju oltre dak ġia konċess fil-permess oriġinali għaliex qed tittieħed art agrikola u fejn hemm divjet fejn si tratta ta' widien;*

3. *It-Tribunal applika ħażin il-*Fuel Stations Policy 2015 *meta kellu japplika dik tal-2020 billi din l-*aħħar policy *tispeċifika illi tapplika f'każ ta' kull applikazzjoni għal* fuel stations *u dawk li kienu għadhom mhux deċiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-*Fuel Stations Policy *2020. Billi l-*policy 2020 *daħlet fis-seħħ fil-mori tal-appell, u l-applikazzjoni kienet ġia deċiża, kellha tapplika l-*policy *tal-2020;*

4. *It-Tribunal skarta l-opinjoni u oġġezzjoni tal-ERA u l-ACC* (Agriculture Advisory Committee) *mingħajr ma ta raġunijiet għal dan u għalhekk tmur kontra artikolu 72(2)(f) tal-Kap. 552;*

5. *It-Tribunal ta decizjoni fuq* planning gain *bla ma ġiet imqajma minn ħadd u għalhekk caħħad lill-applikant mid-dritt tad-*doppio esame.

***Nullità tal-appell eċċepit mill-applikant***

*L-applikant jispjega ruħu b'dan il-mod:*

*Illi skont l-artikolu 21 tal-Kap. 551 terza persuna li tkun irreġistrat l-interess tagħha skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 għandha tiġi notifikata bl-appell interpost u għandha tirreġistra l-interess tagħha fl-appell fit-terminu mogħti lilha mil-liġi [Ħamest ijiem ta' xogħol (5* working days)]. *Illi jirriżulta illi Anthony Camilleri ġie notifikat skont l-artikolu 21 tal-Kap. 551 fit-23 ta' Jannar 2020 però Camilleri irrisponda, tardivament, għall-istess notifika billi talab li jkun ikkunsidrat bħala terz.*

*Illi skont l-artikolu 50(2) tal-istess Kap. 551, id-dritt ta' appell quddiem il-Qorti jispetta lil min ikun ressaq l-appell quddiem it-Tribunal jew lil kull persuna li tkun* "ipparteċipat" *fl-appell.*

*Għalhekk jissottometti illi fiċ-ċirkostanzi l-appellant odjern ma jistax jitqies li ipparteċipa fl-appell u iżid li lanqas qatt issemma fil-verbali quddiem it-Tribunal u għalhekk l-appell tiegħu hu null.*

*Il-Qorti tqis li l-artikolu 21 tal-Kap. 551 jistipula b'mod ċar illi terz interessat ai fini ta' skrutinju mill-Awtorità ta' applikazzjoni ta' żvilupp skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 għandu jiġi infurmat b'ittra postali li sar appell u jista' jitlob li jiġi reġistrat bħala terz interessat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika ta' tali ittra. Tali reġistrazzjoni jagħtih id-dritt li jindirizza lit-Tribunal u jkun preżenti għas-seduti, kif ukoll li jingħata kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Dan l-artikolu hu ċar u ma jħallix lok ta' interpretazzjoni. Il-*locus standi *ta' terz interessat quddiem it-Tribunal minn deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorità tiddependi mir-reġistrazzjoni tiegħu entro terminu ta' ħamest ijiem, tal-interess tiegħu li jipparteċipa fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. In-nuqqas li jressaq ir-reġistrazzjoni fit-terminu ifisser li tilef l-interess li jipparteċipa u konsegwentement il-*locus standi *quddiem it-Tribunal. Tant hu hekk illi d-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jispetta lill-appellant u kull persuna li* <u>*ipparteċipat*</u> *fl-appell quddiem it-Tribunal.*

*Bħala fatt jirriżulta illi l-Awtorità bagħtet ittra lil Anthony Camilleri li kien terz interessat skont l-artikolu 21 tal-Kap. 551 fit-23 ta' Jannar 2020. Anthony Camilleri bagħat ir-reġistrazzjoni tiegħu fit-3 ta' Frar 2020.*

*Jirriżulta illi t-23 ta' Jannar 2020 kien il-Ħamis u sat-3 ta' Frar hemm żewġ tmiem-il ġimgħa. Ma nġiebet ebda prova ċara meta l-ittra waslet fl-indirizz tal-appellant odjern billi dawn jintbagħtu b'posta normali. L-appellant isostni li hu irreġistra l-interess tiegħu malli irċieva l-ittra u qal ukoll li mhux l-ewwel darba li posta waslet tard. Billi kif ingħad iż-żmien rilevanti ta' ħamest ijiem ta' xogħol bejn it-23 ta' Jannar u 3 ta' Frar 2020 hu qasir meta tqis li posta mhux neċessarjament tintbagħat fil-ġurnata li fiha tkun datata l-ittra, u mhux neċessarjament tasal fl-indirizz mibgħut ġurnata wara u billi hemm żewġ tmiem -il ġurnata bejn id-data imsemmija, ma hemmx il-prova ċara li fil-fatt l-appellant irrisponda tardivament. Magħdud ma' dan il-Qorti tirreleva wkoll illi l-proċeduri baqgħu mexjin bla intoppi quddiem it-Tribunal u l-appellant kien jiġi notifikat bis-seduti quddiem it-Tribunal bla ħadd qajjem oġġezzjoni. Għalhekk ma ġie pruvat ebda nullità fuq dan l-aspett tal-kwistjoni.*

*Però qed jiġi sottomess ukoll illi l-appellant ma '*ipparteċipax*' fil-proċeduri quddiem it-Tribunal kif irid l-artikolu 50(2) tal-Kap. 551 biex ikollu d-dritt li jressaq appell quddiem il-Qorti. Il-kwistjoni hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma '*ipparteċipat*'. Il-liġi ma tagħti ebda ħjiel u għalhekk fil-fehma tal-Qorti hi miftuħa għal kull min irreġistra l-interess tiegħu li jattendi u jkun parti fil-proċeduri. Ma jfissirx b'daqhekk li l-attendenza jew il-parteċipazzjoni tat-terz trid bilfors tkun waħda attiva. Ovvjament inqas ma persuna*

*interessata tipparteċipa attivament b'sottomissjonijiet u argumenti jew provi, tintrabat biss mal-atti li jkunu nġabru u kull appell fuq punt ta' liġi jista' jsir dwarhom biss. F'dan il-każ irriżulta li l-appellant dejjem kien notifikat bis-seduti u għalkemm jixhed li kien jingħaqad mas-seduti telematikament qatt ma irreġistra pubblikament il-preżenza tiegħu iżda għażel li jisma' biss. Dan fil-fehma tal-Qorti ma jnaqqasx mid-dritt tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal u hi xelta tat-terz x'tip ta' involviment irid ikollu fil-proċeduri quddiem it-Tribunal.*

*Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant issodisfa l-vot tal-liġi u l-eċċezzjoni tan-nullità qed tiġi miċħuda.*

***It-tielet aggravju***
*Din il-Qorti ser tibda b'dan l-aggravju billi qari tad-deċiżjoni tat-Tribunal juri illi wasal għad-deċiżjoni tiegħu primarjament fuq dak li jipprovdi l-*Fuel Stations Policy 2015. *Jidher illi l-*Fuel Stations Policy 2020 *daħlet fis-seħħ f'April tal-2020 ċioe fil-mori tal-appell u qabel ma ngħatat id-deċiżjoni tal-1 ta' Marzu 2022. Din il-*policy *tal-2020 tgħid illi l-Awtorità għandha tapplika l-*policy *tal-2020 għal kull applikazzjoni ta' żvilupp ta'* petrol station *inkluż dawk sottomessi qabel id-dħul fis-seħħ tal-*policy *u li għadhom mhux deċiżi. Jidher minn qari tal-*policy *li meta ġiet deċiża l-applikazzjoni mill-Awtorità kienet il-*policy *tal-2015 dik applikabbli. Però fil-mori tal-appell daħlet fis-seħħ il-*policy *tal-2020. La darba kien hemm bdil fil-*policy *fil-mori tal-appell, hi l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti illi t-Tribunal għandu jiddeċiedi a bażi tal-*policy *viġenti fil-mument tad-deċiżjoni tiegħu. La darba din l-applikazzjoni kienet għadha mhix deċiża finalment fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-*policy *tal-2020, kellha tiġi applikata din il-*policy *u mhux dik tal-2015 li fuqha t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu. Għal din ir-raġuni biss id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi revokata u l-appell jiġi meqjus mill-ġdid fl-intier u dan li kull referenza għal* Fuel Stations Policy *għandha tirrifletti dak li jingħad fil-*policy *tal-2020."*

## Ir-Rikors

6. Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat fil-11 ta' Mejju, 2023, ir-ritrattand qed jitlob lill-Qorti sabiex:

*"1. Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tad-19 ta' April 2023 u dan minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikolu 811(e) u 811(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati għas-subizzjoni."*

7. L-Awtorità ritrattata wieġbet fit-30 ta' Mejju, 2023, fejn tissottometti li hija taqbel mat-talba tar-ritrattand iżda *"biss għar-raġuni illi huwa minnu kif ingħad illi s-sentenza kellha tingħata fuq l-eċċezzjoni preliminari biss."*

8. It-terz interessat KLM għażel li ma jweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn jekk tassew jeżistux l-elementi tal-para. (e) u (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 sabiex tirnexxi t-talba tar-ritrattand.

11. Ir-ritrattand qiegħed jistrieħ fuq il-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-appell li nstema' quddiem il-Qorti tal-Appell għandu jiġi ritrattat. Jikkontendi li s-sentenza tal-appell hija r-riżultat ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, u jirrileva li l-Qorti tal-Appell ma kellhiex tiddeċiedi l-mertu meta l-partijiet kienu għadhom biss ittrattaw l-eċċezzjoni preliminari li huwa kien għamel. Jgħid li jirriżula wkoll żball ieħor, għaliex is-sentenza tal-appell tistrieħ fuq id-depożizzjoni u fuq il-fatti konnessi ma' ċertu Anthony Camilleri u mhux ma' provi li rriżultaw mill-każ odjern li fih l-istess Anthony Camilleri ma kellux x'jaqsam. Ir-ritrattand jispejga li dan tal-aħħar kien appellant f'appell ieħor fejn huwa kien appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal. Jirrileva li l-fatti li kienu rriżultaw f'dak l-appell huma irrilevanti għal

dawn il-proċeduri fejn xehed Joseph Grech li huwa segretarju tat-terz interessat KLM, u għalhekk il-Qorti tal-Appell kellha tagħmel riferiment għall-provi li tressqu fil-proċeduri odjerni u mhux f'appell ieħor. L-Awtorità ritrattata taqbel mat-talba, iżda limitatament fir-rigward tal-fatt li s-sentenza kellha tingħata fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari biss.

12. Filwaqt li l-Qorti tissenjala li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 għandhom jiġu nterpretati b'mod ristrettiv, hija tagħmel riferiment għal dak li fissret il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2015 fl-ismijiet **Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mart Joseph Deguara et *vs.* Theresa Bonanno**, App. Ċiv. Nru. 277/87, dwar id-dispożizzjonijiet tal-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, u tgħid li dawn ma jikkontemplawx każ bħal dak odjern. Tikkunsidra li t-tieni parti tal-para. (l) jipprovdi kif ġej:

> *'Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.'*

Fil-każ odjern, meta l-Qorti tal-Appell kif diversament ippreseduta ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tar-ritrattand, hija ma straħet fuq l-ebda fatt iżda nterpretat dak li ried ifisser il-leġislatur fejn fis-subartikolu 50(2) tal-Kap. 551 uża l-kelma *'ipparteċiptat'*. Dan saħansitra għamlitu ċar meta ddikjarat li *'[i]l-kwistjoni hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma 'ippartecipat''.*

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-ritrattand billi tiċħdu, bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**